**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 12 ta' April 2022**

**Talba numru 262/2020SFJ**

**IAN TABONE (126076M) F'ISMU PROPRJU U BĦALA EŻERĊITANT FIL-KUMMERĊ TAĦT L-ISEM "GRAND INTERIORS"**
**VS.**
**INTELLIGENT ENERGY LIMITED (C53597)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-6 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu l-attur *pro et noe* talab li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallsu s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) għar-raġunijiet imfissra fl-Avviż tat-Talba;

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali;

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta, ma dehret għal ebda seduta u ma ppreżentat ebda dokumentazzjoni;

Ra li l-attur *pro et noe* ma ppreżenta ebda provi, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-12 ta' April 2022.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal josserva li f'dan il-każ, il-proċess għan-notifika tas-soċjetà konvenuta dam ħafna biex jitlesta. Fl-ewwel udjenza wara n-notifika, jiġifieri l-udjenza tal-21 ta' Frar 2022 (fol. 43), ma deher ħadd. It-Tribunal osserva li kien għadu għaddej it-terminu għar-Risposta u l-kawża ġiet differita għall-15 ta' Marzu 2022.

Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2022 rega' ma deher ħadd. It-Tribunal ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta u ħalla l-kawża għall-provi tal-attur għat-22 ta' Marzu 2022.

Imbagħad fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2022, rega' ma deher ħadd.

It-Tribunal josserva, bid-dovut rispett, li l-attur *pro et noe* kellu opportunitajiet innumerabbli sabiex jippreżenta l-provi li ried jippreżenta. Ma kien hemm xejn li jżommu milli f'xi stadju jew ieħor tal-kawża, jippreżenta affidavits jew dokumentazzjoni oħra. Anzi, xi drabi, il-partijiet jiddeċiedu li jippreżentaw dokumentazzjoni u/jew affidavits saħansitra minnufih, flimkien mal-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal, filwaqt li jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Absolute Services Limited vs. Stefan Darmenia*** (deċiża fil-11 ta' Novembru 2020), senjatament il-paragrafu 20 tal-istess sentenza, huwa tal-fehma li stante li t-talbiet tal-attur *pro et noe* ma ġewx ippruvati, it-talbiet relattivi għandhom jiġu miċħuda.

**Deċide**

Għaldaqstant, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, it-Tribunal jiċħad it-talbiet kollha tal-attur *pro et noe*.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur *pro et noe*.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**